MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Numru 905/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN J GATT**

**VS**

**KENNETH VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kenneth Vassallo, ta' 32 sena, bin Anthony u Mary Anne Vella, imwieled tal-Pieta', nhar it-2 ta' Dicembru, 1972, u residenti fil-fond Block H, Flat 6, Triq il-Lellux, Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 524172 (M);

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tal-4.00pm, gewwa Triq Blanche Hubert, Sliema:

a. Ikkommetta serq ta’ portmoni u hames liri maltin minn vettura tal-ghamla *Fiat Uno* li ggib in-numru tar-registrazzjoni MTB 002, ghad-detriment ta’ Michela Spiteri Debono, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

b. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-ghamla *Fiat Uno* li ggib in-numru tar-registrazzjoni MTB 002 ta’ Anna Maria Spiteri Debono u Michela Spiteri Debono, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00) imma izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00);

c. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq ta’ *compact disc player* minn vettura tal-ghamal *Fiat Uno* li ggib in-numru tar-registrazzjoni MTB 002, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, ghad-detriment ta’ Anna Maria Spiteri Debono, u Michela Spiteri Debono, liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz u valur ta’ inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa;

d. U fl-ahharnett talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 325, 41, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat li giet registrata ammissjoni fil-verbal tal-lum, wara li l-imputat inghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-istess ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Kenneth Vassallo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2), minn liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi l-facilitajiet kollha necessarji sabiex l-imputat jibda program ta' kura mid-droga

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------